Laqgħa Reġjun Port - Nu 11/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 27 ta' Settembru 2022

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Assenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Skużat |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Skużt |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Skużat |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**11. 1 Ittri ta' Apoloġija**

11.1.1 Il-President semma li s-Sur Dominic Grima, is-Sur Alfred Zammir u s-Sur Jorge Grech talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw jitniżlu bħala skużati. Il-President informa li l-kumplament tal-Membri m' attendeux għal-laqgħa mingħajr ma kkomunikaw mar-Reġjun. Għaldaqstant, il-President talab li jitniżlu bħala assenti. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat qabel mal-proposta.

**11.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.10**

11.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 8 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**11.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 09/2022**

11.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Vince Borg u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 t' Awwissu 2022 u 27 ta' Settembru 2022 li kienet tammonta għall-€22,196.45.

11.3.2 Il-President semma li fl-iskeda tal-pagamenti hemm il-kont li r-Reġjun irċieva mingħand l-avukat li assista fil-kawża tal-mandat fuq is-sejħa ta' ġbit ta' skart fuq bażi Reġjonali. il-President semma li anki wara li dan is-suġġett tqajjem fil-laqgħa tal-AKL, ir-Reġjun filwaqt li ser ikun qed jonora l-pagament tal-avukat wara ser ikunu qed joħroġ fattur lid-Diviżjoni sabiex tagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż.

**11.4 Komunikazzjoni oħra mill-President**

| | |
|---|---|
| **11.4.1 Ħaddiema RSSL** | Il-President semma li hekk kif kien maqbul fil-Laqgħa Nu 10, il-ħassiema li jagħmlu xogħlijiet ta' kostruzzjoni huma assenjati mal-Kunsilli Lokali sa Jannar 2023. Semma li t-tim ta' ħaddiema li jaħdmu xogħlijiet tal-ħadid bħal issa jinstab il-Fgura.<br>Is-Sur Clive Pulis staqsa jekk jistax jieħu lill-ħaddiema li qed jaħdmu fuq il-ħadid sabiex isiru xi xgħolijiet ġewwa l-Isla. Il-President ikkonferma li kif ilestu l-Fgura jibgħathom il-Kunsill Lokali tal-Isla. |
| **11.4.2 Kontijiet tad-Dawlu u Ilma – Tribunal** | Il-President semma li dan il-kont għadu pendenti wara li hu jħoss li għad m' hemmx ġustifikazzjoni mill-Kunsill Loklali taż-Żejtun tal-kont li intbgħat. Dan ifisser li r-Reġjun għadu mhux sodisfatt kif inħadmu l-persentaġġi ta' konsum meta hemm ġnien pubbliku jieħu d-dawl u l-ima mill-istess meters li minnu jieħu t-tribunal. Semma wkoll li l-kuntratt iffirmat mal-Kunsill Loakli taż-Żejtun hemm biċ-ċar u kien hemm qbil li l-kont tad-dawl jintbgħat mill-ARMS u r-Reġjun iħallas lill-ARMS. |
| **11.4.3 Proġett Pilota ta' Knis fil-Lokalitajiet** | Il-President semma u anki spjega lis-Sindki preżenti li huwa fir-responsabbilita' tagħhom u mill-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali |

sabiex iqabdu kuntrattur tal-knis. Is-Sindu ta' Ħal Tarxien semma li huwa jinstab urtat kif Sindki li jistinkaw sabiex ir-raħal ikun miżmum nadif ma jiġux apprezzati kif mistħoq imbgħad oħrajn kapaċi jsibu proġetti li jagħmlu xogħol li huwa fir-responsabbilita' tas-Sindku u tal-Kunsill li jsir.

Il-President semma li l-Evalwazzjoni għaddejja, għalkemm ftit li xejn ir-Reġjun għandu informazzjoni fuq il-proċess peress li m'huwiex involut fil-proċess tal-evalwazzjoni tas-sejħa.

**11.4.4 Board tal-Evlawazzjoni – Sejħa ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali**

Is-Sur Joseph Abela Galea semma li huwa għad għandu problema bil-kuntratt eżistenti fejn wara l-kuntrattur ma riedx jiġbor il-ġabra ta' skart riċiklabbli aktar, kien tqabbad kuntrattur ieħor. Semma li issa hemm €400 differenza fix-xhar u l-ERA għadha ma tridx taġġmel tajjeb għal din id-differenza.

**11.4.5 Deputat Reġistratur**

Il-President propona li jsiru l-intervisti nhar is-6 t' Ottubru 2022, fl-10:00 ta' filgħodu ġewwa l-uffiċju amministrattiv tar-Reġjun. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joseph Abela Galea kien hemm qbil li s-Sur Neil Attard u s-Sur Vince Borg ikun parti mill-Board.

**11.4.6 Uffiċjali Reġjonali**

Il-President semma li ds-sitwazzjoni għadha kif kienet, semma wkoll li l-Interim Audit għaddu għaddej u għaldaqstant jippropni li r-Reġjun għandu jżomm mad-deċiżjoni li ħa fil-laqgħa preċidenti. Semma li d-Diviżjoni f' dan l-aħħar xhar ma sakemm reġgħa iltaqa' l-Kumitat ma kien bagħat l-ebda lista oħra.

**11.4.7 Reġjun Kulturali**

Il-President reġa' fakkar li r-Reġjun Port ser ikun ir-Reġjun Kulturali 2026.

**11.4.8 Clean Up**

Il-President irringrazzja lil Kunsilli Lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun talli ipparteċipaw. Semma li kif ser ikun lest il-filmat ser ikun qe djiġi ċċirkolat mal-Kunsilli Lokali u fuq il-media soċjali. Semma li l-Uffiċjal tal-Ambjent ser ikun qed jassisti sabiex issir il-claim finali.

**11.4.9 Konsultazzjoni - Strateġija għall-Gvern Lokali**

Il-President fakkar li nhar is-16 ta' Novembru hemm laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Onor. Zerafa Civelli rigward is-suġġett immsemmi. Il-President fakkar lil dawk preżenti sabiex iħeġġu lill-Kunsilliera u lis-Segretarji Eżekuttivi sabiex jirreġistraw sa nhat il-Ħamis, 29 ta' Settembru sabiex jattendu peress li r-

Reġjun irrid jagħddi lista ta' reġistrazzjonijiet lid-Diviżjoni sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru.
Il-President semma li r-Reġjun mhux jaqbel li r-Reġjun Port ġie amalgamat mar-Reġjun Nofsinhar sabiex issir konsultazzjoni waħdi. Semma li l-iskop tal-konsultazzjoni huwa li s-Sindki jitkellmu u jkollhom ċans jipparteċipaw fil-konsultazzjoni u mhux jiġu jisimgħu biss. Għaldaqstant, il-President qed jeiġi li l-Laqgħa ta' Konsultazzjoni tar-Reġjun Port issir fuq bażi individwali.

**11.4.11 Belt Ewropeja 2030**

Il-President semma li f' dan l-istadju jkun utli jekk ir-Reġjun jiddedika budget għal bid book. Semma li jidher li minkejja li ż-żmien għaddej, il-laqgħat li kellhom ikunu skedati fuq livell Ministerjali ma nstema xejn aktar dwarhom. Semma li r-Reġjun f' dan l-istadju jrid jieħu deċiżjoni għandux ikompli jew le b' dan il-proċess.
Is-Sur Wayne Aquilna semma li jkun utli li qabel wieħed jiddiskuti budget, jerġa; jitkellem mal-Arts Councils jew il-Valletta Cultural Agency u r-Reġjun iġib l-informazzjoni kollha kompluta ta' xinhu rikjest.
Is-Segretarja infurmat li ser tkun qed terġa' tikkomunika mal-Valletta Cultural Agency.

**11.4.12 First Aid**

Il-President semma li b' referenza għal-laqgħa preċidenti, ir-Reġjun għadda l-informazzjoni kollha lill-Membri tal-Kumitat. F' dan id-dokument hemm il-korsijiet kif ukoll il-ħlasijiet ofruti mill-Malta First Aid.

**11.4.13 ESF Fund żjara ġewwa Marseille**

Is-Segreatrju Eżekuttiv talab lill-Kumitat jiddeċiedi jekk iridx jipparteċipa peress li d-dati huma viċini u sa nofs Ottubru iż-żjara trid tkun saret. Wara diskussjoni interna kien hemm interess mis-Sur Wayne Aquilina u mis-Sur Neil Attard. Is-Segretarja infurmat li ser tkun qed terġa' tikkomunika ma' rappreżentanti mill-Ambaxxata Franċiża kif ukoll mal-Arts Council.

**11.4.14 Ħatra Viċi President – Reġjun Port**

Il-President semma li wara li hu kien rikoverat għal xi jiem fl-isptar inqalgħu xi problemi gaħliex id-Diviżjoni kellhom bżonn firma ta' malajr u peress li r-Reġjun għadu m' għandux Viċi President jidher li d-Diviżjoni ġibdu l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv dwar din il-materja.

Il-President semma li qabel jitlesta l-Interim Audit huwa mhux ser ikun qed iressaq il-ħatra għall-Viċi President.
Is-Sur Wayne Aquilina semma li huwa fl-obbligu tar-Reġjun li jkollu Viċi President u talab li għandu jkun hemm komunikazzjoni sabiex wieħed jara dan l-awditjar fiex wasal għax ma jistax ikun li r-Reġjun jibqa' imwaħħal. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard.

**11.4.15 FAR**

Is-Segretraju Eżekuttiv resqet lista ta' IT Equipment li ma jiffunzjonax sabiex jiġi mneħħi mill-FAR. Lista annessa mal-minuti u mmarkata bħala Dok A. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat qabel li r-Reġjun għandu jiddisponi minn dawn l-oġġetti.

**11.4.16 Data Retentio Policy Reġjun Port u Tribunal Żejtun**

Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat approva ir-Retention Policy kemm tar-Reġjun kif ukoll ta' Tribunal.

**11.4.17 Website Reġjun Port**

Il-President semma li s-supplier tal-Webiste qed jibgħat diversi reminders sabiex ir-Reġjun iħallas il-fattura ta' €8,000. Il-President semma li l-webiste għadha mhux finalizzata imma jidher li qisu m' hemmx pjan ċar ta' x' ser tkun tikkonsisti din il-website.
Is-Segretarja semmiet li l-qafas jidher li hu mibni peress li qed juża l-WordPress imma jidher li kien hemm xi ambigwitajiet u ma kienx hemm direzzjonijiet ċari.
Fuq proposta tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mill-President kien hemm qbil li r-Reġjun jistenna sa tmiem is-sena biex forsi jara hemmx pjan li tintuża din il-webiste.

**11.4.18 Refugee Week**

Il-President semma li wara l-għajnuna li r-Reġjun kien offra waqt ir-Refuguee Week 2022, kienet intbgħatet korrispondenza minn rappreżentanti li jikkordinaw ir-Refuguee week sabiex ir-Reġjun jerġa' joffri l-assistenza tiegħu fejn jidħlu ħruġ ta' permessi minn Kunsilli Lokali kif ukoll provediment ta' spazji fil-Kunsilli Lokali sabiex isiru xi provi ta' żfin u drama bi preparament għal Refuguee Week 2023.
Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat approva din il-proposta.

Il-President semma li r-Reġjun kien avviċinat sabiex jagħti assistenza finanzjara ta' €6,000 bħala parti mill-proġett RNH Bighi. Semma li f' dan il-proġett qed isir studju soċjo kulturali fuq Bighi.

**11.4.19 RNH Bighi Project**

Il-President semma li bħala Reġjun ma jarax li din in-nefqa tkun ġġustifikata. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vince Borg kien hemm qbil li d-dettalji tal-proġett jgħaddu għand il-Kunsill Lokali tal-Kalkara sabiex il-Kunsill jara eżatt il-proġett fiex jikkonsisti.

**11.4.20 Smart Rural Cities**

Il-President informa li l-Uffiċjal tal-Ambjent ser tkun qed tattendi konferenza ġewwa l-Polonja fejn ir-Reġjun kien mistieden sabiex jikkontribbwixxi f' dawn id-diskussjonijiet. Il-President semma li t-tijiriet huma imħalsa mill-proġett u r-Reġjun ser jagħti l-Per Diem Allowance.

**11.5 Aġġornament**

11.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 20 t' Ottubru 2022 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dok A.

26/09/2022

Following the Port Region's Meeting No. 11 which was held on Tuesday, 27th September 2022, the Committee agreed that the below items will be disposed.

| | FAR Disposal | |
|---|---|---|
| Code | Asset Name | Net Book Value |
| 0000003 | HP Laser Pro M1132MFP | EUR 0 |
| 0000005 | 20" LCD TFT Monitor | EUR 0 |
| 2015 – 009 | 1 Computer, keyboard, mouse | EUR 0 |
| 2015 - 010 | 1 Printer | EUR 0 |
| 2015 – 024 | 2 Computers, 2 Keyboards 2 mouse | EUR 0 |
| 2015 – 035 | 1 Fax and 1 Printer | EUR 0 |

Thanks & Regards,

Lianne Cassar
Acting Deputy Executive Secretary